MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 847/2011

**Victor Sant**
**ID-731743(M)**

**vs**

**Patrick Cassar, u/jew ufficjal iehor ta' Arriva Malta Ltd.**
**u**
**b'digriet datat 9 ta' Marzu, 2012, il-kliem "ufficjal iehor"**
**gew kancellati u sostitwiti bil-kliem "in rapprezentanza**
**ta' Arriva Limited"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-karozza Renault Megane Classic numru JBD-387 kienet ipparkjata fit-tarf ta' Windsor Terrace, Sliema minn fejn il-karozzi ta' l-Arriva johorgu ghal fuq Triq it-Torri. Karozza tal-linja ta' l-Arriva li kienet hierga ghal fuq Triq it-Torri laqtet il-genb tal-karozza tal-attur b'konsegwenza ta' danni

konsiderevoli. Sar rapport lil-pulizija ta' tas-Sliema, il-*police report number* inghata lil Arriva (Dennis Chircop) fuq talba tieghu. Ghalkemm l-Arriva hadet ir-responsabilita', sal-lum ghada ma hadet ebda passi konkreti biex taghmel tajjeb ghad-danni; minkejja l-fatt li Arriva fethet claim mal-Allcare Insurance, Ref. No.6L27492011. Allcare Insurance ma pprocessatx din il-claim peress li Arriva ma pprovdietx id-dettalji kollha mehtiega mill-Insurance. Ghaldaqstant l-attur talab lil dan it-Tribunal biex jobbliga l-Arriva biex taghmel tajjeb ghad-danni kollha s'issa sofruti mill-aktar fis possibbli.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha ddikjarat illi din ir-risposta qed tigi pprezentata minn Arriva Malta Limited sabiex tressaq a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal r-ragunijiet ghaliex fil-fehma umli taghha, it-talba tar-rikorrent m'ghandhiex tintlaqa. Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet (i) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni, stante li *si tratta* ta' incident awtomobilistiku u l-ammont li jista' jigi likwidat (stante li t-talba saret quddiem dan it-Tribunal) ma jeccedix l-kompetenza esklussiva tac-Centru tal-Arbitragg ta' Malta *ai termini* tal-Art. 15 tar-Raba skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta. (ii) Illi s-socjeta' intimata m'hix responsabbli ghall-incident *de quo* izda se mai s-sewwieq tal-vettura li setghet kienet involuta fl-incident *de quo*. (iii) Illi fi kwalunkwe kaz Patrick Cassar m'huwiex vestit bir-rapprezentanza legali tas-socjeta' Arriva Malta Limited.

Ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2012, fejn l-attur talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, u dan fis-sens illi wara l-kliem "Patrick Cassar" kellhom jigu mizjuda l-kliem "in rapprezentanza ta'" filwaqt illi l-kliem "jew ufficjal iehor" kellhom jinqatghu, oltre illi fejn hemm indikat l-ammont tat-talba, kellhom jigu kkancellati ukoll il-kliem "plus moral damages"; Ra d-digriet tieghu, li permezz tieghu gew awtorizzati dawn il-korrezzjonijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2012, li permezz tieghu l-attur gie awtorizzat sabiex iressaq il-provi tieghu dwar il-mertu tal-kawza, u dan minkejja l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal; ra li ma kienx hemm opposizzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, li madanakollu, kienet qeghda zzomm ferm l-eccezzjoni preliminari taghha; ra d-digriet tieghu li permezz tieghu laqa' t-talba tal-attur.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur xehed li huwa l-proprjetarju ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 387. Iddikjara illi fil-jum tal-11 ta' Awissu, 2011, din il-vettura kienet parkeggjata f'Windsor Terrace, Sliema, kantuniera ma' Tower Road, Sliema, u li din kienet ilha parkeggjata mill-jum tat-8 ta' Awissu, 2011. Iddikjara illi fil-11 ta' Awissu, 2011, mar hdejn il-vettura tieghu u nnota li kellu l-hsara fil-parti ta' quddiem tal-vettura, aktar specifikament fil-mudguard tan-naha tal-lemin, li kien fih ghafsa u sinjali ta' zebgha ta' lewn aquamarine, u t-tyre tal-istess naha kien imcarrat, u kien hemm il-hubcap ta' dan it-tyre maqlugh minn postu u taht il-karozza. Illi deherlu illi tali hsara setghet saret minn karozza tal-linja tal-Arriva.

Illi ftit tal-jiem wara l-attur mar ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, u anke mar fid-Depot tal-Arriva, fejn hemm iltaqa' ma' ufficjal, certu Kenneth Aquilina, li ta struzzjonijiet lill-impjegat iehor sabiex jiehu xi ritratti tal-hsara li l-attur kellu fil-vettura tieghu, u assigura lill-attur illi kien ser jghaddi l-informazzjoni lill-ufficjal inkarigat mill-Accident and Safety tas-socjeta' konvenuta. Illi l-attur baqa' ma nghata ebda informazzjoni dwar f'liema stadju kien wasal l-ipprocessar tal-ilment tieghu, u ghalhekk anke avvicina hu direttament lill-assigurazzjoni tas-socjeta' konvenuta. Illi gie informat illi ghalkemm kienet

saret claim, din kienet wieqfa, ghaliex l-assigurazzjoni ma nghatatx l-informazzjoni dwar ix-xufier tal-karozza tal-linja allegatament involuta f'dan l-incident.
Illi ghalkemm din l-informazzjoni kellha tigi pprovduta minn ufficjali impjegati fi hdan l-Arriva, dawn baqghu ma gewx fornuti lill-assigurazzjoni, u ghalhekk ma kien hemm ebda ezitu fil-process sabiex l-attur jigi kkumpensat ghall-hsara li garrab fil-vettura tieghu.

Illi xehdu diversi ufficjali impjegati fi hdan is-socjeta' konvenuta illi ddikjaraw illi fiz-zmien meta bdew jintuzaw il-karozzi tal-linja in kwistjoni, is-socjeta' konvenuta rceviet diversi lmenti dwar incidenti stradali li kienu qed ikunu involuti fihom dawn il-vetturi. Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kellha tivverifika dwar liema xufier tal-karozza tal-linja kien skedat li jghaddi minn din ir-rotta fejn kienet ipparkeggjata l-vettura tal-attur fil-jum meta sehh l-incident, liema verifika ssir mill-*control room* taghhom, jidher illi baqghet ma nghatax din l-informazzjoni lill-assigurazzjoni dwar min kien. Illi jidher li s-socjeta' konvenuta resqet il-claim mal-assigurazzjoni taghha, u l-assigurazzjoni nghatat il-*police report* relattiv ghal tali incident, madanakollu, tali claim ma gietx accettata u ma gietx ipprocessata mill-asigurazzjoni ghaliex ma kellhomx l-informazzjoni kollha rikjesta u mehtiega.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm f'din l-azzjoni, bi qbil bejn il-partijiet, tressqu l-provi anke dwar il-mertu, madanakollu, jehtieg illi tigi ttrattata u deciza l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, u cioe' dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddeciedi din il-kawza, stante illi tittratta dwar incident awtomobilistiku li skont is-socjeta' konvenuta, kellha tigi riferuta lic-Centru Malti tal-Arbitragg, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi huwa ampjament car illi l-azzjoni proposta mill-attur tittratta dwar hlas ta' danni kkawzati fil-vettura proprjeta' tieghu, b'konsegwenza ta' kollizzjoni bejn zewg vetturi, wahda tal-attur li kienet stazzjonarja ghaliex kienet ipparkeggjata, u

l-ohra karozza tal-linja, li allegatament habtet f'dik tal-attur.

Illi fir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stipulat illi: "*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi…*" ghandha tigi sottomessa ghall-Arbitragg.

Illi huwa *oramai* pacifiku illi l-arbitragg prospettat taht ir-Raba' Skeda huwa wiehed mandatorju, u l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Limited**, deciza fit-23 ta' Ottubru, 2009, huwa kif gej: "*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subparafra 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg* <u>*huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta' ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta' minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali*</u>[1]*."* Illi aktar qabel fl-istess sentenza, gie dikjarat ukoll *"... hu sew maghruf illi ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja rigward ghandu jittiehed ghall-kontenut tat-talba introduttiva mill-parti u tac-cirkustanzi migjuba ghab-bazi taghha, indipendentement mill-fondatezza, o meno, taghha. ... Fondamentalment, l-investigazzjoni mit-Tribunal trid twassal biex mill-gharbiel li jaghmel ta' l-oggett tat-talba, tal-fatti sottostanti, u tad-deduzzjonijiet, jiddetermina jekk prima facie ghandux il-kompetenza proprja li jiddefinixxi l-kwestjoni sottomessa.*"

Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta hija wahda valida u timmerita li tigi

[1] Sottolinear tat-Tribunal

akkolta, ghaliex d-danni materjali sofferti mill-attur huma (i) fil-vettura involuta fl-incident stradali in kwistjoni, u (ii) konsegwenza ta' tamponament li sehh fl-istess incident stradali. Illi gialadarba dawn iz-zewg elementi jirizulta li huma prezenti fil-kaz in ezami, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment u konkluzzjoni illi din l-azzjoni tinkwadra ruhha fil-parametri kontemplati minn Artikolu 15 (11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk kellha tigi proposta azzjoni fi hdan ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg.

Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tal-attur ghall-hlas ta' danni sofferti fil-vettura proprjeta' tieghu.
Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta dwar in-nuqqas ta' kompetenza *ratione materie* sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u konsegwentement jiddikjara ruhu mhux kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talba odjerna.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------